*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,608, 24 ta' Marzu, 2026*

*Taqsima B*

**A.L. 62 tal-2026**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor in Occupational Health and Safety (Honours) – B.O.H.S. – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 6(b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor in Occupational Health and Safety (Honours) – B. O.H.S. (Hons) u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor in Occupational Health and Safety (Honours) – B. O.H.S. (Hons) - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol ippubblikati bħala Avviż Legali 367 tal-2015, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2026 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament għandhom ikunu għaddew minn test ta' profiċjenza fl-Ilsien Ingliż kif approvat mill-Università ta' Malta qabel ma jidħlu fil-kors, diment li l-applikanti li għandhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew ogħla jew fil-livell 3 tas-SEC fl-Ilsien Ingliż jew grad ta' "Għadda" fl-istess livell fi kwalifika komparabbli, għandhom ikunu eżentati milli joqogħdu għat-test ta' profiċjenza."

**L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali**

4. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS u ma jkomplux il-kors, jew wara li komplew, ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma."